Coordination and Implementation Division

| Nru tal-BM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| BM 6 (2026) | Żieda ta' €10 fil-ġimgħa fil-pensjoni lil 100,000 pensjonant tal-irtirar, tal-invalidità u romol, kif ukoll lil dawk li huma intitolati għal pensjoni tal-età. |
| BM 7 (2026) | Żieda addizzjonali li tilħaq medja ta' €3.50 fil-ġimgħa lil 7,000 pensjonant romol. |
| BM 8 (2026) | Żieda ta' €10 fil-ġimgħa fl-allowance lil 1,000 persuna li huma romol u li għadhom irabbu. Dan l-allowance se jiġi estiż sakemm l-ulied jilħqu 23 sena. |
| BM 9 (2026) | Żieda fl-Allowance Supplimentari. Ir-rata massima li titħallas lill-koppji se togħla għal €27.30 fil-ġimgħa filwaqt li dik tal-persuni singoli se tiżdied għal €14.40 fil-ġimgħa. Il-limitu tad-dħul se jitla' għal €20,000 għall-koppji u €14,000 għal persuni singoli. |
| BM 10 (2026) | Tibdil fis-suppliment annwali li jitħallsu persuni fl-età ta' 65 sena u aktar. Dan se jiżdied b'€100 għal €250 u fil-każ ta' koppji se jibda jitħallas liż-żewġ konjuġi f'din l-età, minflok għal waħda minnhom kif dejjem sar s'issa. |
| BM 11 (2026) | Żieda fir-rati tal-bonus tal-għoli tal-ħajja li jirċievu l-pensjonanti minħabba li xi wħud isofru minn diskrepanza skont meta rtiraw. Fil-fatt, l-2026 se tkun l-aħħar sena li jkun hemm ħlas ta' rati varji għaliex mis-sena ta' wara, fl-2027, kull pensjonant se jirċievi l-istess rata fissa ta' €21.53 fil-ġimgħa, irrispettivament mis-sena li fiha rtiraw. |
| BM 12 (2026) | Żieda ta' bejn €2 u €14 fil-ġimgħa lil madwar 5,000 ruħ fil-pensjonijiet tal-miżżewġin li qed jirċievu pensjoni b'rati mnaqqsa għaliex il-konjuġi tagħhom qed jirċievu pensjoni. Dan se jitwettaq bit-tneħħija tad-differenza li teżisti fir-rati tal-pensjoni ta' dawk li qed jirċievu l-Pensjoni Minima Nazzjonali, il-Pensjoni tal-Invalidità jew Pensjoni Minima taż-Żewġ Terzi. |
| BM 13 (2026) | Żieda ta' €200 fil-pensjoni komutata tal-pensjonanti tas-servizz li jkollhom pensjoni tas-sigurtà soċjali biex din titla' għal €3,866. Għal dawk il-pensjonanti tas-servizz li jilħqu l-età ta' 72 sena, l-ammont kollu kkalkulat mill-pensjoni tas-25 servizz jiġi njorat. |
| BM 14 (2026) | Żieda ta' €50 fil-bonus lil dawk li m'humiex eliġibbli li jirċievu pensjoni. Il-bonus issa se jvarja minn €600 għal min ħallas sa sena bolol għal €1,050 għal min ħallas sa 9 snin bolol. |
| BM 15 (2026) | Żieda ta' €75 fl-għotja li titħallas lil anzjani li jgħixu fi djarhom jew mal-qraba u lil dawk li jħallsu minn buthom biex jgħixu fi djar tal-kura privati. L-għotja issa se tilħaq €425 għal dawk fl-età ta' bejn 75 u 79 sena, u €525 għal persuni fl-età ta' 80 sena u akbar. |
| BM 16 (2026) | Żieda fil-Benefiċċju għal Mard Miżjud u tal-Benefiċċju għal Mard. Fil-każ tal-Benefiċċju għal Mard Miżjud, ir-rata għal persuni miżżewġa se tiżdied għal €34.42 għal kull ġurnata mħallsa ta' mard, filwaqt li dik għal persuni singoli r-rata se titla' għal €25.81 għal kull ġurnata mħallsa ta' mard. |
| BM 17 (2026) | Il-Benefiċċju għal Mard se jiżdied għal €25.81 għal kull ġurnata mħallsa ta' mard fil-każ ta' persuni miżżewġa, filwaqt li r-rata għal persuni singoli se tiżdied għal €17.21 għal kull ġurnata mħallsa ta' mard. |
| BM 18 (2026) | Titjib fil-Benefiċċju tal-Qgħad. Se ntawlu l-perjodu li tingħata l-għola rata minn sitt ġimgħat għal għaxra, waqt li se nqassru l-perjodu li fih tingħata l-anqas rata minn għaxar ġimgħat għal sitta. |

| | |
|---|---|
| BM 19 (2026) | Żieda ta' €10 fil-ġimgħa fl-allowance li titħallas lil persuni dipendenti fuq id-droga li jkunu qed jattendu programm ta' riabilitazzjoni. |
| BM 20 (2026) | Għoti ta' 4 snin kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurtà soċjali, lil vitmi tad-droga li jkunu temmew b'suċċess il-programm ta' riabilitazzjoni. |
| BM 21 (2026) | Min iħaddem lil persuni dipendenti fuq id-droga li jkunu qed jattendu programm ta' riabilitazzjoni, se jkun eżentat mill-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom għal sentejn. |
| BM 22 (2026) | Żidiet fl-assistenzi għal persuni b'diżabilità u carers: Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa. Żieda ta' €6.89 fil-ġimgħa. |
| BM 23 (2026) | Żidiet fl-assistenzi għal persuni b'diżabilità u carers: Assistenza għal Diżabilità Severa. Żieda ta' €4.66 fil-ġimgħa. |
| BM 24 (2026) | Żidiet fl-assistenzi għal persuni b'diżabilità u carers: Assistenza għal Diżabilità. Żieda ta' €4.66 fil-ġimgħa. |
| BM 25 (2026) | Żidiet fl-assistenzi għal persuni b'diżabilità u carers: Assistenza għal Persuni b'Vista Batuta. Żieda ta' €4.66 fil-ġimgħa. |
| BM 26 (2026) | Żidiet fl-assistenzi għal persuni b'diżabilità u carers: Allowance Miżjuda għal Carers. Żieda ta' €4.66 fil-ġimgħa. |
| BM 27 (2026) | Żidiet fl-assistenzi għal persuni b'diżabilità u carers: Allowance għal Carers. Żieda ta' €4.66 fil-ġimgħa. |
| BM 28 (2026) | Żieda fil-Carers' Grant ta' €179.24 għal €5,368.89 fis-sena. |
| BM 29 (2026) | Il-Carers' Grant, li hija nofs il-Paga Minima Nazzjonali netta u issa qed titħallas anke lil ġenituri ma jaħdmux ta' tfal b'diżabilità severa taħt is-16-il sena. |
| BM 32.1 (2026) | Children's Allowance: Jiżdied il-limitu tad-dħul li jistabbilixxi r-rati li huma ogħla mir-rata bażika minn €27,434 għal €30,000. |
| BM 32.2 (2026) | Children's Allowance: Ir-rata taċ-Children's Allowance ta' familji li jaqilgħu anqas minn €30,000 tiżdied b'€250 kull wild. |
| BM 32.3 (2026) | Children's Allowance: Il-familji li jaqilgħu anqas minn €23,000 netti fis-sena, minbarra l-€250 għal kull wild, jistgħu jiżdiedu sa €167 oħra kull wild, skont id-dħul tagħhom. |
| BM 33 (2026) | Żieda ta' €75 oħra fuq kull wild, bħala parti mill-wegħda li sa tmiem din il-leġiżlatura ngħollu r-rati kollha tal-In-Work Benefit b'€200. |
| BM 34 (2026) | Żieda ta' €500 oħra fil-Bonus għat-Twelid u Addozzjoni. Għall-ewwel wild dan se jitla' għal €1,000, €1,500 għat-tieni wild u €2,000 għat-tielet wild u aktar. |
| BM 35 (2026) | Żieda fl-għotja għall-addozzjoni: Ir-rimborż ta' spejjeż għall-addozzjoni barra minn Malta jiżdied minn massimu ta' €10,000 sa massimu ta' €12,000. |
| BM 36 (2026) | Żieda fl-għotja għall-addozzjoni: Għal addozzjoni lokali r-rimborż minn €1,000 se jiżdied għal €2,000, li minnhom €500 jingħataw bħala għotja. |
| BM 37 (2026) | Żieda ta' €10 fil-ġimgħa fl-Allowance għal Fostering. Minn €6,240, din l-allowance se titla' għal €6,760 fis-sena. |
| BM 38 (2026) | Twesigħ tal-eliġibilità għall-Benefiċċju tal-Enerġija billi jiġi estiż il-limitu tad-dħul b'€2,500 addizzjonali għall-koppji. |
| BM 39 (2026) | Jiġi emendat il-ħlas tal-Assistenza Soċjali sħiħa lil ġenituri mhux miżżewġa li jgħixu mal-ġenituri billi l-benefiċċju ma jibqax jitnaqqas b'25%. |
| BM 40 (2026) | Estensjoni tal-allowance lil madwar 12,000 familja li s-sena d-dieħla se jirċievu l-allowance addizzjonali ta' €500 għal kull wild li jkun f'edukazzjoni postsekondarja. |
| BM 41 (2026) | Aġġustament għal pensjonanti mwielda qabel l-1962, u li kieku għadhom jaħdmu, is-salarju tagħhom fl-2026 ikun jaqbeż id-Dħul Pensjonabbli Massimu rivedut ta' €25,500. |

| | |
|---|---|
| BM 45 (2026) | Ħlas b'lura ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali neqsin. L-obligu li persuna tkun qed taħdem titneħħa biss f'każ fejn il-persuna għandha bżonn tħallas kontribuzzjonijiet neqsin sabiex tilħaq il-minimu ta' 10 snin sabiex tikkwalifika għall-pensjoni. |
| BM 46 (2026) | Tingħata konċessjoni lis-self-employed sabiex f'każ li ħallsu kontribuzzjoni baxxa jew ma ħallsuhiex minħabba l-COVID, se jingħataw l-opportunità li jirregolarizzaw ruħhom. |
| BM 47 (2026) | Titjib fl-eliġibilità għal pensjoni kontributorja: Tiġi riveduta il-liġi sabiex il-minimu ta' 10 snin ta' kontribuzzjonijiet ikun japplika għal kull persuna, twieldet meta twieldet, inkluż li jekk ikun meħtieġ ikunu kkunsidrati anke kontribuzzjonijiet imħallsa qabel l-età ta' 18-il sena bl-istess mod ta' kif japplika għal dawk li twieldu qabel l-1962. |
| BM 48 (2026) | Titjib għal koppji anzjani li jkunu fi djar għall-anzjani: Ndaħħlu tibdil sabiex, f'dan il-każ, meta ż-żewġ membri tal-koppja jkunu għal kura, minflok 60% jitnaqqsilhom 50% mid-dħul totali, filwaqt li fejn illum japplika tnaqqis ta' 80%, se jibda jitnaqqsilhom 70%. |
| BM 50 (2026) | Titjib fil-Pensjoni għall-Invalidità fejn persuni eliġibbli jibdew jirċievu l-ekwivalenti tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi li kienu jirċievu kieku rtiraw. |
| BM 51 (2026) | Inrtoduzzjoni tal-kunċett għal Pensjoni għal Invalidità Parzjali. Dan il-benefiċċju se jagħmilha possibbli li persuni jkunu jistgħu jagħmlu xi ftit xogħol waqt li jieħdu l-pensjoni, fuq ordni tal-ispeċjalista kuranti. |
| BM 53 (2026) | Jiġu ndirizzati l-inġustizzji tal-imgħoddi: Persuni li kienu ingaġġati mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar tal-1978 u l-15 ta' Jannar tal-1979 li minħabba tibdil fil-politika tal-korporazzjoni naqsu milli jikkwalifikaw għal skema ta' pensjoni simili għal dik li kienet tapplika salbidu tal-1979 għall-impjegati fis-servizz pubbliku. |
| BM 54 (2026) | Jiġu ndirizzati l-inġustizzji tal-imgħoddi: Eks ħaddiema tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding li fl-2003, b'mod arbitrarju, kienu trasferiti mal-Industrial Projects and Services Ltd, b'telf fid-dħul tagħhom. |
| BM 55 (2026) | Jiġu ndirizzati l-inġustizzji tal-imgħoddi: Eks ħaddiema tal-Gas Board li kienu trasferiti mal-Korporazzjoni Enemalta. |
| BM 56 (2026) | Jiġu ndirizzati l-inġustizzji tal-imgħoddi: Eks impjegati tar-Rediffusion Group of Companies li kienu<br>ġew assimilati mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1975, u persuni oħra li kienu ingaġġati fil-fergħa tax-xandir tal-korporazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1978. |
| BM 57 (2026) | Twessigħ ta' eliġibilità għal krediti ta' kontribuzzjonijiet għat-trobbija: Tiġi estiża l-eliġibilità għall-għoti ta' krediti ta' kontribuzzjonijiet sal-età ta' 10 snin għall-ewwel tlett itfal fil-familja. Fejn ikun hemm aktar minn tlett itfal, l-età tat-tfal fil-perjodu kopert għall-krediti tiżdied b'sena oħra għal kull wild. |
| BM 58 (2026) | Twessigħ ta' eliġibilità għal krediti ta' kontribuzzjonijiet għat-trobbija: Il-limitu massimu tal-età f'dan ir-rigward se jitneħħa fil-każ ta' familji li jkollhom mill-anqas wieħed mill-ulied b'diżabilità jew b'mard rari. |
| BM 59 (2026) | Benefiċċju għal Diżabilità: Ser jidħol r-raba' livell permezz tad-dħul tal-Benefiċċju għal Diżabilità bir-rata ta' 75% tal-Assistenza għal Diżabilità. |
| BM 76 (2026) | Estensjoni tal-Parental Leave għal ġenituri li jaħdmu għal rashom. |
| BM 77 (2026) | Estensjoni għall-Bereavement Leave u l-Miscarriage Leave għal persuni li jaħdmu għal rashom. |
| BM 148 (2026) | Edukazzjoni diġitali: Jipprovdi għajnuna finanzjarja ta' €500 lill-familji kollha li għandhom studenti fis-sena 10 u 11. |

| | |
|---|---|
| BM 178 (2026) | Estensjoni tal-eliġibilità fl-età tal-intitolament tal-Kartuna r-Roża — minn 75 għal 65 sena. |